# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU 3016

**KAŻ NRU: 4256/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Clayton Zammit (ID 462889M)**

**vs**

**Erica Pantaleon (ID 0297135A)**

*dwar allegat ksur ta' kuntratt tal-impjieg in linea mal-Art.36(12) Kap.452*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 7 t'Awwissu, 2024**

Fir-risposta taghha ghar-rikors promotur ipprezentat mill-Avv. Joseph Calleja Parnis f'isem l-Appellant Clayton Zammit, l-Avv. Charlene Baldacchino Gauci ghan-nom ta' l-Intimata Erica Pantaleon allegat li l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal kienet *fuori termine*. Ir-rikors promotur kien ipprezentat mill-Appellant nhar l-4 ta' Dicembru 2023.

Min-naha ta' l-Intimata jinghad li hija kienet infurmat li kienet qed tirrizenja mill-impjieg taghha u dan permezz ta' korrispondenzi datati 16 u 18 ta' Marzu 2023. Il-Jobsplus *Employment History* tal-Appellanti tindika li l-impjieg tal-Intimata ma' Savewise Discount Store li bhala Direttur huwa l-Appellant intemm nhar is-16 ta' Marzu 2023.

Ir-rapprezentant ta' Jobsplus xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2024 fejn iddikjara u pprezenta dokument li jindika b'mod car li nhar is-16 ta' Gunju 2023, l-Appellant kien infurmat ufficcjalment minn Jobsplus li l-impjieg ta' Erica Pantaleon ma' Savewise kien gie fi tmiemu b'effett mis-16 ta' Marzu 2023.

Clayton Zammit fl-istess seduta xehed: 'Le, le din fis-16 ta' Marzu 2023 waqfet. Qabdet baghtitli *Email* fejn din qed tghid li din mhux gejja izjed'.

Iz-zewg Avukati f'isem il-partijiet ittrattaw dwar jekk ir-rikors promotur kienx ipprezentat fiz-zmien stipulat skond Kap 452 jew le.

L-Avv. Calleja Parnis ghan-nom tal-Appellant qal li l-erba' xhur indikati fil-ligi ghandhom jibdew jiddekorru mill-11 t'Awwissu 2023 u cjoe' mid-data meta Clayton Zammit inizjala proceduri legali kontra l-Intimata sabiex jirkupra

l-ammont ta' €11,600 ghaliex meta hija waqfet mix-xoghol nhar is-16 ta' Marzu 2023 kisret il-kuntratt tax-xoghol li kien sar bejn il-partijiet li kien jistipula mpjieg definit ta' tlett snin, u dan ukoll ghaliex min-naha tal-Appellant bhala *Employer* qatt ma accetta r-rizenja ta' Erica Pantaleon li hija tat nhar is-16 ta' Marzu 2023.

L-Avv. Charlene Baldacchino Gauci ghan-nom tal-Intimata qalet li l-ligi titkellem car u cjoe' li kawza ghandha tinfetah fi zmien erba' xhur ta' *alleged breech.* Hija sostniet li f'dan il-kaz ittrattat l-*alleged breech* sehh appena Erica Pantaleon irrizenjat mill-impjieg. Hija tenniet li l-argument li tali rizenja qed jinghad li ma gietx accettata mill-Appellant allura l-erba' xhur m'ghandhomx jibdew jghoddu mis-16 ta' Marzu 2023 ma jregix ghaliex il-principal m'ghandu l-ebda awtorita' jew sahha skond il-ligi jaccettax jew le rizenja.

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta dak kollu li gie espost matul dan il-process, u fid-dawl ta' dan, it-Tribunal m'ghandux dubju li l-impjieg ta' Erica Pantaleon mas-Socjeta' li taghha huwa Direttur Clayton Zammit gie fi tmiemu nhar is-16 ta' Marzu 2023.

Daqstant iehor dan it-Tribunal ma' ghandux dubju li l-Appellant kien ben infurmat minn Jobsplus sa mis-16 ta' Gunju 2023 li l-impjieg ta' Erica Pantaleon kien gie mitmum.

L-Art.75(3) tal-Kap 452 jghid li 'kull referta….. ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni ……u ghandha fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat'.

Dan it-Tribunal jaghraf li l-allegat ksur tal-kuntratt tax-xoghol da parti ta' Erica Pantaleon kif qed isostni l-Appellant sehh nhar is-16 ta' Marzu 2023, filwaqt li r-rikors promotur min-naha ta' l-istess Appellant gie pprezentat nhar l-4 ta' Dicembru 2023.

Dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Intimata u jiddikjara li r-rikors promotur min-naha tal-Appellant kien imressaq *fuori termine* u fic-cirkostanzi jordna li dan il-kaz m'ghandux ikompli jinstema'.

(Iffirmat)
**Is-Sur Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**